# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 1003/2015/LSO**

**Wisam Ahmed sive Wisam M. Alsalhen Hamad (Passaport Libjan Numru 65951)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Wisam Ahmed sive Wisam M. Alsalhen Hamad (Passaport Libjan Numru 65951) datat 22

ta’ Ottubru 2015 fejn bil-gurament tieghu kkonferma li jaf personalment : -

Illi l-esponent twieled f’ Malta fit-3 ta' Mejju 1979 kif jidher mic-certifikat tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 2088/1979. Illi ghal xi raguni, il-kunjom ta' missier u omm l-esponent fl-imsemmi Certifikat tat-Twelid gie erronjament indikat bhala "Ahmed" minflok "Hamad".

Illi kien biss recentement li l-esponent sar jaf b'dan l-izball meta l-ufficjali tal-iskola fejn imorru t-tfal minorenni tieghu gibdulu l-attenzjoni b'diffikultajiet amministrattivi minhabba r-registrazzjoni erronja fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu.

Illi mhux biss l-esponent minn dejjem kien maghruf bhala Wisam M. Alsalhen Hamad, izda minn dejjem gie registrat bil-kunjom "Hamad" kif jidher mic-certifikat tat-twelid rilaxxat mill-Ambaxxata Libjana, mill-passaport Libjan tieghu, mill-permess tas-sewqan tieghu, u minn certifikati akkademici tieghu.

Illi fil-fatt anke wliedu Mira, Rawan u Aram gew registrati bil-kunjom "Hamad" fuq ic-certifikati tat-twelid taghhom bin-numri tal-iskrizzjoni 6147/2014, 6148/2014 u 6149/2014.

Illi *di piu'*, anke mill-att taz-zwieg tal-genituri ta' l-esponent, jirrizulta li kunjomhom huwa "Hamad" u mhux "Ahmed" kif indikat fl-att tat-twelid tal-esponent.

Illi ghalhekk, l-esponent intavola r-rikors opportun quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili, liema rikors gie michud b'digriet tat-13 ta' April 2015.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid tal-esponent bin-numru tal-iskrizzjoni 2088/1979 billi

(a) Tigi kancellata l-kelma "Ahmed" mill-kolonna intestata "Isem u Kunjom" ghar-rigward ta' "Missier it-tarbija" u minflokha tigi inserita l-kelma "Hamad" fl-istess kolonna u post.

(b) Tigi kancellata l-kelma "Ahmed" mill-kolonna intestata "Isem u Kunjom" ghar-rigward ta' "Omm it-tarbija" u minflokha tigi inserita l-kelma "Hamad" fl-istess kolonna u post.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta’ Dicembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta’ Novembru 2015 (fol 37) fejn Dr.

Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1 Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

1. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bħala *'Wisam Ahmed sive Wisam M. Alsalhen Hamad'* u mhux *'Wisam M. Alsalhen Hamad' stante* li l-isem u l-kunjom '*M. Alsalhen Hamad*' ma jappartjenix lilu skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn, tmienja u tmenin (2088) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sebgħin (1979);

2. Illi mingħajr preġudizzju, *in vista* tal-fatt li qiegħed jiġi mitlub mir-rikorrent emendi fil-mod ta' kif ġie reġistrat il-kunjom tal-ġenituri tar-rikorrent fl-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru progressiv ta' elfejn, tmienja u tmenin (2088) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sebgħin (1979) anness u mmarkat '*Dok DRP1*', l-esponent jeċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrita tal-ġudizzju, li jiġu kjamati fil-kawża il-ġenituri tar-rikorrent u cioe' Mustafa Salheen Ahmed u Nuria Mustafa *ai termini* tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi jkun opportun li r-rikorrent jippreżenta traduzzjoni tas-segwenti dokumenti illi ġew mehmużin mar-rikors promotur mir-rikorrent stess, illi għandhom jiġu wkoll 'apostiled' bħala vera traduzzjoni tal-istess:

i) Traduzzjoni tal-ewwel dokument li kien ġie ppreżentat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) illi mhuwiex elenkat fil-lista tad-dokumenti li ġew annessi mar-rikors promotur;

ii) Traduzzjoni taċ-ċertifikat akkademiku tar-rikorrent li ġie anness bħala 'Dok F' mar-rikors promotur mir-rikorrent stess;

iii) Traduzzjoni tal-parti ta' wara taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tar-rikorrent li ġie anness bħala 'Dok H' mar-rikors promotur mir-rikorrent stess;

4. Illi mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jirrileva wkoll illi l-permess għas-sewqan tar-rikorrent, li ġie anness mar-rikors promotur mir-rikorrent bħala 'Dok E' mhuwiex ċar, u għalhekk jkun opportun li r-rikorrent jippreżenta kopja oħra ta' dan id-dokument fejn kjarament jesibixxi d-dettalji tiegħu. Illi b'żieda ma' dan, l-esponent jirrikjedi kjarifika tal-parti f'dan id-dokument tal-permess għas-sewqan tar-rikorrent fejn hu miktub '*Not valid in Libya*' fil-parti ta' fuq ta' dan l-imsemmi dokument.

5. Illi bla ħsara għall-premess, mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent mar-rikors promotur jirriżultaw dawn id-diskrepanzi:

i) Illi fl-ewwel lok, fid-digriet tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili tat-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) li ġie anness mar-rikors promotur bħala 'Dok A' jirreferi għar-rikorrent bl-isem ta' 'Amani Wisam' biss;

ii) Illi b'żieda ma' dan, fil-estratt tal-Att tat-twelid tar-rikorrent, li ġie anness mar-rikors promotur bħala 'Dok B', isem u kunjom il-missier tar-rikorrent ġie reġistrat bħala 'Mustafa Salheen Ahmed', illi juri diskrepanza mhux biss fl-aħħar parti tal-kunjom 'Ahmed' iżda ukoll fil-parti 'Salheen' fejn ġie miktub bħala 'Alsalhen' fl-okkju tar-rikors promotur u fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent rilaxxjat mill-Ambaxxata Libjana li ġie anness mar-rikors promotur bħala 'Dok C' u anke fil-kopja tal-passaport maħruġ minn *'The Great Socialist Peoples Libyan Arab Jamahiriya'* fl-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) sottomess mir-rikorrent bħala 'Dok D';

iii) Illi kif diġa premess, fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent rilaxxjat mill-Ambaxxata Libjana fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) li ġie anness mar-rikors promotur bħala 'Dok C', isem u kunjom ir-rikorrent huwa mmniżżel bħala 'Wisam M. Alsalhen Hamad', mentri r-rikorrent huwa rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku bħala 'Wisam Ahmed' biss. Magħdud ma' dan huwa essenzjali li

r-rikorrent jippreżenta 'vera kopja' ta' dan l-imsemmi dokument;

iv) Illi mill-banda l-oħra fuq it-tieni ċertifikat akkademiku ppreżentat mir-rikorrent bħala 'Dok F', isem u kunjom ir-rikorrent huwa mniżżel bħala 'Wisam Mustafa Salheen Hamad';

v) Illi filwaqt li fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tar-rikorrent, ippreżentat mar-rikors promotur bħala 'Dok H', isem u kunjom il-missier tar-rikorrent huwa mmarkat bħala 'Mustafa A. Hamad Alkartia';

*In vista* tas-suespost, imkien f'dawn id-dokumenti ma jirriżulta li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent jinkiteb kif qiegħed jiġi allegat minnu fir-rikors promotur fejn jistqarr li '*minn dejjem kien ġie reġistrat bil-kunjom "Hamad" kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid rilaxxat mill-Ambaxxata Libjana, mill-passaport Libjan tiegħu, mill-permess tas-sewqan tiegħu u minn ċertifikati akkademiċi tiegħu.*';

6. Illi għal kull *buon fini*, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, ċioè ta' Wisam Ahmed, ma hemm ebda kunjom imniżżel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u ħamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid, il-għaliex dak iż-żmien skont il-liġi Maltija, kien hemm il-preżunzjoni illi l-ulied fiż-żwieġ kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom ai *termini ta'* ***Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta***. Illi f'dan il-każ,

kunjom il-missier fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent tniżżel bħala 'Ahmed.'

7. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jeċċepixxi illi kunjom il-missier tar-rikorrent tniżżel fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent skond ma jirriżulta li ġie ddikjarat minn missier ir-rikorrent, cioè minn 'Mustafa Salheen Ahmed', bħala dikjarant, kif esebit minn fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn, tmienja u tmenin (2088) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sebgħin (1979), anness u mmarkat bħala 'Dok DRP 1'. *Stante* li l-Att tat-Twelid qabel ma jgħaddi għar-reġistrazzjoni jiġi mogħti lil min ikun għamel in-notifika tat-twelid sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-att. F'dan il-każ, missier ir-rikorrent iffirma l-att, b'dan li allura jidher illi aċċetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu;

8. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, fil-każ illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent issostni li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn, tmienja u tmenin (2088) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sebgħin (1979) u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid u ossia fis-sena 1979, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak

li jafferma il-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kien proprju missier ir-rikorrent, cioè Mustafa Salheen Ahmed li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fl-att ta' twelid tar-rikorrent u saħansitra ffirma l-istess att.

9. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

10. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Pawlu Lia li assocja ruhu fil-patrocinju tar-rikorrent u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur

intimat. Dr Lia rrimetta ruhu ghar-rapport tat-traduttrici Nadia Lanzon. Dr Tanti talbet zmien biex tirregola ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-4 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-23 ta' Ottubru 2015 (fol 32) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat a bazi tal-korrezzjoni a bazi tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba rikorrenti awtorizzata b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2015, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-intimat, l-avukat difensur tar-rikorrent oppona ghall-kjamat in kawza tal-grnituri tar-rikorrenti billi huwa qed jitlob semplicement korrezzjoni tal-kunjom kif imnizzel fl-ahhar zewg kolonni tac-certifikat esebit bhala Dok B (fol 10) li huwa c-certifikat

tat-twelid tar-rikorrent. Ikkonsidrat li ladarba l-korrezzjoni mitluba fir-rikors promotur hija intiza ghall-att tat-twelid tar-rikorrent, m'hemmx lok ghall-kjamat in kawza tal-genituri. **Tichad it-tieni eccezzjoni.**

Illi r-rikorrent qed jitlob li fl-att tat-twelid tieghu jigi kkancellat il-kunjom "Ahmed" mill-kolonna isem u kunjom tal-missier, u mill-kolonna isem u kunjom tal-omm, u minflok jigi sostitwit b' "Hamad".

Ir-**rikorrent** xehed (fol 51- 57)[1] assistit mill-interpretu, u kkonferma Dok C (fol11), li hu dokument mahrug mill-Ambaxxata Libjana fejn qal li kunjomu hemm hu miktub tajjeb bhala 'Hamad'. Ikkonferma wkoll li f'Dok D (fol 12) kopja tal-passaport Libjan tieghu kunjomu mnizzel 'Hamad'. Hu kkonferma wkoll li t-tlett tfal tieghu fl-atti tat-twelid taghhom imnizzlin bhala 'Hamad'.

In **kontro-ezami** qal li ismu hu Wisam Hamad u Alsalhem hu isem in-nannu, missier missieru u t-tfal tieghu twieldu l-Libja u meta gie biex jirregistrahom Malta, irregistrahom skont l-att tat-twelid li hareg mil-Libja.

**Amanda Grech** *Assistant Principal* xehdet (fol 79-80)[2] u spjegat il-procedura tar-registrazzjoni dak iz-zmien li kienet issir fl-Ghases, u ma kienu jsiru l-ebda verifiki, kienu joqghodu fuq dak li jghidilhom id-dikjarant, izda skont il-ligi

[1] Seduta tal-4 ta' Frar 2016.
[2] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016

Maltija, r-responsabbilta` biex jaghmlu l-verifiki taqa' fuq id-dikjarant.

**Dr. Byron Camilleri** xehed (fol 81-82)[3], fir-rigward tal-atti tat-twelid tat-tlett itfal tar-rikorrent, esebiti a fol 17,18 u 19, u qal fir-rigward tad-diskrepanza fil-kunjom tat-tfal ma' dak tal-missier, li ma jidhirx li saret verifika mas-sistema kompjuterizzata, izda, fl-1979 ma kienx hemm sistema kompjuterizzata kif hemm illum, u ghalhekk r-responsabbilta` tal-korrettezza kienet fuq id-dikjarant.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Id-dokumenti ufficjali ta' missier ir-rikorrent mahrugin mill-Awtoritajiet Libjani, bil-lingwa Gharbija, liema dokumenti huma esebiti a fol 61 *et sequitur*, huma d-dokumenti bazici li jistghu jaghtu l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal ghall-apprezzament finali tat-talba odjerna.

Ghal dan l-iskop il-Qorti nnominat lil **Nadia Lanzon** bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha, esebit a fol 86-95 tal-process, debitament mahluf fit-3 ta' Mejju 2016, jirrizulta s-segwenti informazzjoni mid-dokumenti ufficjali, tal-ktieb tal-familja tal-missier, u dokument taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrent:

Dokumenti kollha tal-missier – hemm imnizzel il-kunjom **HAMAD**

---

[3] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016

Illi gie spjegat b'mod dettaljat mill-esperta traduttrici, li l-isem Ahmed u Hamad jinkitbu b'mod simili fl-Gharbi, bid-differenza, li Ahmed ghandu erba' ittri, u Hamad ghandu tlett ittri. Izda gie konkjuz li l-kunjom ta' missier ir-rikorrent huwa Hamad.

Ir-rikorrent irrimetta ruhu ghar-rapport tal-esperta traduttrici, liema rapport ser jigi adottat minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat, *stante* li Dok DRP1 (fol 43) kien gie ffirmat minn missier ir-rikorrent bhala dikjarant meta rregistra t-twelid ta' ibnu.

*Di piu`,* jigi osservat li r-rikorrent twieled f' Malta fit-3 ta' Mejju 1979, u ghalhekk skont l-artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kellu jiehu l-kunjom ta' misseru. Illi l-istess intimat fir-risposta tieghu ddikjara li fl-atti tat-twelid ta' qabel l-2005, ma kienx ikun hemm imnizzel kunjom it-tarbija, izda kunjom il-missier fil-kolonna 'Isem u kunjom tal-missier', proprju minhabba li skont l-artikolu 4 tal-Kodici Civili, it-tarbija tiehu awtomatikament il-kunjom tal-missier.

Inghad ukoll fir-risposta tal-intimat, li meta gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrent (1979) ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta' gabra u konservar ta' informazzjoni u

dokumenti u l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu joqghodu fuq dak mistqarr mid-dikjarant.

Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, fil-kaz odjern jirrizulta li t-tezi tar-rikorrent li l-kunjom ta’ missieru nkiteb bi zball hija gustifikata, u *in vista* tax-xhieda u dokumenti esebiti, ser tghaddi biex tilqa’ t-talba tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent skont kif gej:

Tilqa’ t-talba tar-rikorrent billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid bin-numru 2088 tas-sena 1979, skont is-segwenti:

a) Tigi kancellata l-kelma "Ahmed" mill-kolonna intestata "Isem u Kunjom" ghar-rigward ta' "Missier it-tarbija" u minflokha tigi inserita l-kelma "Hamad" fl-istess kolonna u post; u

(b) Tigi kancellata l-kelma "Ahmed" mill-kolonna intestata "Isem u Kunjom" ghar-rigward ta' "Omm it-tarbija" u minflokha tigi inserita l-kelma "Hamad" fl-istess kolonna u post.

Tordna wkoll li kopja tal-eventwali decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-

Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**4 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Ottubru 2016**